Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 49/2016

Il-Pulizja

Spettur Carlos Cordina

Vs

James Agius

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat James Agius detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 558888M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-gżejjer fid-19 ta' Novembru 2013 għall-ħabta tas-14:00 fil-fond 103, Triq Sant'Orsola, Valletta u fil-Gżejjer ta' Malta:

"1. talli fid-19 ta' Novembru 2013 minn fuq il-persuna ta Doris Vella fi Triq Sant'Orsola Valletta ikkommettejt serq ta' gojjeli, liema serq huwa aggravat, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37c), ghad-detriment ta' Doris Vella liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeccedi l-ammont ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u

tletin centezmi ta' Ewro (2329.37c Ewro); liema serq u kwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, bil-mezz u bil-lok;

2. ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, xjentement lqajt ghandek hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew xort'ohra sabiex tindahal biex tbiegh jew tmexxi;

3. aktar talli fl-istess cirkostanza ikkagunajt fuq il-persuna ta' ***Doris Vella*** ta' 76 sena, feriti ta' natura hafifa hekk kif iccertifika Dr. J.C.Abela M.D. reg.nru.2356;

4. Minghajr ordni skond il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arrestajt, zammejt jew issekwestrajt lill-Doris Vella 76 sena kontra l-volonta' taghha;

5. fl-istess jum, look, hin u cirkustanzi, bl-imgieba tieghek ikkagunajt lil Doris Vella biza li ser tintuza vjolenza kontrieh, meta kont taf li jew messek taf li dik l-imgieba tieghek se tikkaguna biza;

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuna/i u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuna/i jiffrekwentaw;

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna/i involuti u l-familja taghhom ai termini ta' l-artikolu 382A, 383, 384, 385 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment miltuba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfligi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Jannar, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 31, 86, 87(1)(c)(e), 214, 221(3), 261(a)(b)(c)(e), 262(1)(a)(2), 263(b), 267, 269(g), 274(c), 276A, 277, 278(2), 280(2) u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li astjenit milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni stante li din ġiet kontestata bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni, sabitu mhux ħati tal-ħames imputazzjoni peress li mhux legalment sostenibbli u kif ukoll filwaqt li eżerċitat d-diskrezzjoni tagħha li ma tikkunsidrax lill-imputat reċidiv skont kif imputat, mill-banda l-oħra l-Qorti sabet lill-imputat **James AGIUS**, fuq l-ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-ewwel, it-tielet u r-raba imputazzjoni u ikkundannatu għall-piena komplessiva ta' **tletin xahar priġunerija**.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali u tipprojbixxi lill-ħati milli javviċina, jsegwi, jivvessa jew jimmolestja l-movimenti ta' Doris Vella u dan għal perjodu ta' tliet snin.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u peress li irriżultalha li il-fatt 'dan il-każ kien hemm inkjesta Maġisterjali li fiha kienu ġew maħtura esperti, stante li 'dan il-każ James Agius ma kienx waħdu meta kkommetta d-delitt u ġie pruvat ukoll li kien hemm Brandon Lee Psaila li wettaq id-delitti miegħu, il-Qorti ikkundannat lill-James Agius sabiex iħallas biss nofs l-ispejjeż peritali inkorsi 'dan il-każ, liema sehem ta' nofs jammonta għal seba' mija erbgħa u disgħin euro ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€794.45).

Il-Qorti rat l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-atti kollha tal-kawża limkien ma din is-sentenza jintbagħtu għand l-Avukat Ġenerali i żmien sitt ijiem tax-xogħol.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Frar, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li:

1. Tikkonfermaha s-sentenza appellata fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, fejn ma sabitux hati tal-hames imputazzjoni, u fejn ma kkunsidratx lill-appellat bhala ricediv;
2. Tikkonfermaha l-htija, abbazi tal-ammissjoni tal-appellat, ghar-rigward tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjoni; u
3. Tghaddi sabiex tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena li nghatat fil-konfront tal-appellat u tipprosegwi sabiex tinfliggi piena li hija fil-parametri tal-ligi u kif ukoll adegwata ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fis-sitta u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti processwali fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b' mod car u manifest in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet enuncjazzjoni u applikazzjoni kompletament zbaljata tal-ligi meta nfliggiet il-piena fil-konfront tal-appellat liema piena erogata hija ferm taht il-minimu preskritt mill-ligi.

Illi minkejja li huwa minnu li fil-gurisprudenza nostrana specjalment dik recenti gie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madankollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq disposizzjonijiet tal-ligi specifici li jipprovdu l-bazi legali ghad-diskrezzjoniapplikata mill-Ewwel Qorti. Infatti fis-sentenza tal-kaz Il-Pulizija vs Spiru Muscat moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Frar, 2012 (255/2011) sostniet:

'issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostantital-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita' tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull

decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f' ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero', li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.'

Illi din il-gurisprudenza ormai ben stabbilita u accettata in linea ta' principju fil-gurisprudenza taghna, tghalllimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-appell ghandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-kazijiet fejn, inter alia, dik il-piena ma tkunx fil-parametri tal-ligi. Dan il-principju kien gie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-kaz Il-Pulizija vs Joseph Attard moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2001 (52/2000), fejn il-Qorti qalet li:

'illi kif gja rriteniet din il-Qorti kemm il-darba fil-passat, huwa rarament li hi tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.'

Illi fil-kaz in dezamina, il-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija ferm taht il-minimu preskritt mill-Ligi. Fl-ewwel imputazzjoni l-appellat gie akkuzat talli kkommetta serq kwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur u lok. Ghar-rigward tal-kwalifika tal-vjolenza l-Ewwel Onorabbli Qorti qieset li l-offiza sofferta minn Doris Vella kienet tinkwadra taht l-artikoli 214 u 221 (3) tal-Kodici Kriminali u b' hekk tissubentra fil-parametri tal-piena msemmija fl-artikolu 274 (d) tal-Kodici Kriminali fejn il-piena minima hija dik ta' tmintax-il xahar prigunerija. Hekk li l-vittma hija anzjana li ghandha 'l fuq minn sittin sena, il-piena ghandha tizdied grad jew zewg gradi abbazi tal-artiklu 276A tal-Kodici Kriminali. B' hekk tmintax-il xahar prigunerija mizjuda bi grad twassal ghall-piena minima ta' sentejn prigunerija. Di piu peress li s-serq hu kwalifikat ukoll bil-mezz, abbazi tal-artikolu 227 (b) tal-Kodici Kriminali tigi mizjuda bi grad jew tnejn, ghalhekk sentejn prigunerija mizjuda bi grad twassal ghall-piena minima ta' tliet snin prigunerija;

Illi t-tieni imputazzjoni, u cioe dik ta' ricettazzjoni, hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni stante li jirrizulta li l-appellat seraq lill-vittma u mhux biss kien ricettatur. Ghar-rigward tat-tielet imputazzjoni, l-Ewwel Onorabbli Qorti kkunsidrat li l-fatt li ta' lok ghar-reat ta' offiza hafifa fuq il-persuna ta' Doris Vella waqt il-kommissjoni ta' reat ta' serq kwalifikat ghandu jigi ritenut bhala reat uniku ai fini ta' piena hekk li l-piena applikabbli ghadha tkun dik ghar-reat aktar gravi tas-serq kwalifikat bil-vjolenza;

Illi ghar-rigward tar-raba' imputazzjoni, abbazi tal-artikli 86 u 87 (1) (c) (e) tal-Kodici Kriminali l-piena minima ghandha tkun dik ta' tlettax-il xahar prigunerija. Ghar-rigward tal-hames imputazzjoni, dan ir-reat ma kienx jezisti fil-jm meta l-appellat ikkometta r-reat de quo;

Illi meta wiehed jikkomputa l-piena komplessiva abbazi tal-artiklu 17 tal-Kodici Kriminali, il-piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda ta' terz taz-zmien tal-pieni l-ohra twassal ghall-piena minima komplessiva ta' erbghin xahar prigunerija. Ghalhekk il-piena ta' tletin xahar prigunerija erogata mill-Ewwel Onorabbli Qortihija ferm taht il-minimu preskritt mill-Ligi. Dana qieghed jinghad ukoll considerando il-fatt li fis-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ma saret l-ebda referenza ghall-artiklu 21 tal-Kodici Kriminali, kif del resto l-appellat ma jikkwalifikax biex jibbenefika minn tali artiklu stante li ma jezistu l-ebda ragunijiet specjali u straordinarji kif jirrekjedi tali artiklu, sabiex il-Qorti tkun tista' tinzel taht il-minimu tal-piena preskritta mill-Ligi. Filfatt, effetivament lanqass ma hemm imsemmi fis-sentenza xi ragunijiet specjali u straordinarji 'l ghaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti seetghet tinzel taht il-minimu ai termini tal-istess artiklu. Filwaqt li huwa koncess li l-appellat hallas lill-vittma s-somma ta' €1,100 din certament mhijiex raguni ghall-applikazzjoni tal-artiklu 21 tal-Kodici Kriminali li fil-fatt korrettement l-Ewwel Onorabbli Qorti ma applikatux.

Illi wiehed ma jistax ma jikkumentax dwar it-tipologija ta' serq vjolenti u l-mod kif tali serqa giet imwettqa fejn il-vittma kienet anzjan ta' 76 sena. L-aggressuri rabtu idejn u saqajn il-vittma bit-tape u ghalqulha halqha bit-tape u hallewha hekk marbuta kemm fil-waqt li kien qieghed isir ir-reat ta' serq u kif ukoll wara l-

konsumazzjoni tas-serqa. Din turi li l-appellat, flimkien ma' siehbu, ma kienx jimpurtah mill-effett tal-azzjoni taghhom fuq din il-mara anzjana u li seta' kellha konsegwenzi aktar gravi minn dawk sofferti minnha. Di piu' dan kollhu jrid jittiehed fl-isfond tal-fatt li l-appellat wettaq dan ir-reat fuq mara anzjana ta' 76 sena li kienet fil-kwiet ta' darha, liema esperjenza kienet trawmatika ghaliha hekk li hija sofriet xokk qawwi fejn anke matul is-seduta hija stqarret li kienet ghdha xxokkjata. Konferma ta' dan ghandna c-certifikat irrilaxxat mit-tabib Dr Abela fejn iccertifikaha li hija kienet qed issofri minn 'mild anxiety state'. Konsegwentement il-pieni erogati mill-Qrati ghandhom iwasslu essagg li tali agir u reati huma deplorabbli u ghalhekk l-aggressur, f' dan il-kaz l-appellat, ma jistax jigi punit laxk jew tigi moghtija piena li hija ferm taht il-minimu preskritt mill-ligi.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell imressaq mill-Avukat Generali limitatament ghal dak li jirrigwarda l-piena inflitta fuq l-appellat wara ammissjoni inkondizzjonata maghmula minnu quddiem l-Ewwel Qorti ghall-akkuzi migjuba kontrieh, bl-aggravvju illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kenitx fix-xorta jew kwantita taghha dik ikkontemplata fil-ligi.

Illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghall-akkuzi dedotti kontra l-appellat ghar-reati tas-serq aggravat bil-vjolenza, valur, mezz u lok, dak tas-sekwestru tal-persuna anzjana u tal-offiza volontarja hafifa li dwarhom gie misjub hati kienet wahda ta' tletin xahar prigunerija. L-ilment imressaq 'il quddiem mill-Avukat Generali hija illi tali piena kienet wahda li taqa taht il-minimu preskritt fil-ligi ghal dawn ir-reati bl-aggravanti taghhom. Jishaq l-Avukat Generali li l-piena fil-minimu taghha kellha tkun dik ta' erbghin xahar prigunerija sabiex b'hekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kenitx dik prevista fil-ligi.

Issa minn qari tas-sentenza impunjata huwa evidenti illi l-Ewwel Qorti ghamlet ezami mill-iktar akkurat u dettaljat dwar kif wasslet ghal kalibrazzjoni tal-piena li essenzjalment hija dik riportata mill-Avukat Generali fir-rikors ta'l-appell tieghu. Illi huwa evidenti ukoll illi meta l-Ewwel Qorti giet biex tikkunsidra l-piena mahsuba fil-ligi ghar-reat tas-serq bl-aggravvju tal-vjolenza u dan fit-termini ta' dak dispost fl-

artikolu 274(d) tal-Kodici Kriminali hija ghamlet zball meta iddikjarat il-parametri tal-piena kienet dik ta' bejn **tlettax-il xahar u tlett snin prigunerija** meta l-ligi titkellem fuq il-piena ta' bejn **tmintax-il xahar** u tlett snin prigunerija. Evidentement dan kien *lapsus* ta'l-Ewwel Qorti billi kif inghad huwa indubitat illi l-kalibrazzjoni tal-piena saret bl-iktar mod kliniku u metikoluz fejn gie dettaljament indikat mill-istess Qorti kif hija wasslet ghal piena erogata u l-motivazzjoni li wassluha tikkundanna lill-appellat ghal tletin xahar prigunerija. Mela allura il-punt tat-tluq kien wiehed zbaljat billi l-kalkolazzjoni kellha titlaq minn minimu ta' tmintax-il xahar prigunerija (u mhux tlettax-il xahar) li b'zieda ta' grad ghall-aggravvju ikkontemplat fl-artikolu 276A tal-Kap.9 u b'zieda ta' grad iehor kif mahsub fl-artikolu 277(b), kellu iwassal ghal minimu ta' tlett snin prigunerija kif sew mistqarr mill-Avukat Generali. Bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 17(b) imbaghad, kif gustament ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, ghal piena prevista ghar-reat mahsub fl-artikoli 86 u 87(1)(c) u (e), ma' dan kellhom jizdiedu erba xhur ohra ta' prigunerija biex b'hekk it-total tal-minimu mahsub fil-ligi ghar-reati li dwarhom l-appellat gie misjub hati kellu ikun ta' erbghin xahar prigunerija u mhux it-tletin xahar erogati mill-Ewwel Qorti. Ghaldaqtsant l-Avukat Generali ghandu ragun fil-lanjanza tieghu ghalkemm jerga jinghad illi certament dan kien *lapsus* evidenti ta'l-Ewwel Qorti, kif inghad, u l-hsibijiet kollha li kellha dik il-Qorti dwar l-motivi li wassluha biex teroga piena ta' prigunerija fuq l-appellat huma kondivizi pjenament minn din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell ta'l-Avukat Generali qed jigi milqugh, kwindi l-Qorti tghaddi biex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn din astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni u fejn illiberat lill-appellat mill-hames imputazzjoni u mill-akkuza tar-recidiva, kif ukoll tikkonfermaha fejn fuq ammissjoni ta'l-appellat sabitu hati ta'l-ewwel, it-tielet u r-raba imputazzjoni, tvarja l-piena inflitta u minflok dik ta' tletin xahar prigunerija, tikkundanna lill-appellat ghal perijodu ta' erbghin xahar priguneriija.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur